# Xandru Pulis u l-Knisja li bena

*Kitba tal-Perit Ruben Abela*



*"Item voglio che quando sara' il travaglio nella fabrica della sudetta chiesa, dovranno i procuratori della detta fabrica chiamare a travagliare il mastro Alexandro Pulis di Casal Pasqualino, che non lo potranno cacciare o levare del detto travaglio."*

*"Irrid li meta jsir ix-xogħol tal-bini tal-knisja, il-prokuraturi għandhom iqabbdu għal dan ix-xogħol tal-bini lill-mastru Xandru Pulis mir-raħal ta' Bisqallin, u li huma ma jistgħux ikeċċuh jew ineħħuh minn dan ix-xogħol."*

*Dan kien dak li-kiteb Girgor Bonici fl-1697, wieħed mill-benefatturi ewlenin waqt il-bini tal-knisja parrokkjali, fit-testment tiegħu, hekk kif riċerkat mill-Kanonku Dun Joe Abela. Ikolli ngħid li s'issa l-unika riċerka ippubblikata dwar Xandru Pulis saret mill-istess Kanonku Abela fil-ktieb "300 Sena Ilu - Tifkira tat-Tqegħid ta' l-Ewwel Ġebla tal-Knisja Parrokkjali taż-Żejtun 1692 - 1992" u li bil-permess tiegħu ser naqsam magħkom xi dettalji dwar din il-persuna li b'ħidmietha u minn saħħitha illum nistgħu ingawdu dan il-ġojjell arkitettoniku li bih hija mżejna beltna u pajjiżna.*

*Xandru twieled f'Bormla fit-2 ta' Marzu 1662 minn Mikiel u Katarina Gatt. Kemm missieru Mikiel kif ukoll nannuh Antonio kienu wkoll nies tas-sengħa, u Xandru meta kiber beda wkoll jissejjaħ mastru jew mgħallem. Xandru iżżewwġ lil Margerita, bint Klement Zammit u Marietta Cachia, nhar is-6 ta' Ġunju 1688 fil-knisja ta' l-Ispirtu s-Santu hawn iż-Żejtun.*

*Wara li żżewweġ Xandru kien joqogħod Bormla, u għamel ukoll żmien qasir jgħix Ħ al-Tarxien. Wara l-1695 Xandru ġie bil-familja tiegħu lejn iż-Żejtun, hekk kif jidher mill-magħmudijiet tat-tfal li kellu wara dan iż-żmien. Minn l-1700, jidher li l-familja Pulis bdiet toqgħod fl-inħawi tal-Gwiedi, qrib ħafna tal-bini tal-knisja l-ġdida.*

*Jidher li Xandru ma kienx involut fil-bini tal-knisja sa mill-bidu tax-xogħol. Dan għ aliex il-bini tal-knisja nafu li nbeda fl-1692 meta Xandru kellu 30 sena. It-testment ta' Girgor Bonici sar fl-1697 u ix-xewqa tiegħu kienet ċara "Irrid li meta jsir ix-xogħol tal-bini tal-knisja...". X'ġara f'dawn il-ħames snin? Kienu qed jitħaffru biss il-barrieri u l-kannierja biex jinqata' il-ġebel? Kien qed isir biss ix-xogħol fil-pedamenti? Ma sar l-ebda xogħol wara t-tqegħid ta' l-ewwel ġebla qabel l-1700? Li nafu żgur huwa li sa l-1707 in-nava prinċipali kienet lesta u s-Sagrament ġie trasportat mill-knisja l-qadima għal dik ġdida. Sfortunatament s'issa għad ma nistgħux inwieġbu dawn il-mistoqsijiet għaliex ir-reġistri tal-kontijiet tal-bini tal-knisja li nstabu fl-arkivju tal-Kurja Arċiveskovili jibdew mis-sena 1708. L-ewwel darba li jidher isem Xandru f'dawn ir-reġistri, imsejjħa "fabbrica chiesa", insibuh b'permezz ta' nota dwar il-ħlas li kien irċieva fis-16 ta' Novembru 1709. Hawnekk Xandru jissejjaħ bħala Mastru u kien jitħ allas 4 tari kuljum, l-għola ħlas li kien qed jingħata fuq is-sit tal-bini tal-knisja. Minn*

*dan ir-reġistru jidher ukoll li tnejn mit-tfal li kellu, Ġużeppi u Ġakbu, kienu wkoll jaħ dmu ma' missierhom.*

*Kien fit-13 ta' Frar 1712 meta għall-ewwel darba Xandru beda jissejjaħ Kapu Mastru. Hu kien l-unika wieħed li kien jissejjaħ hekk fuq is-sit ta' kostruzzjoni tal-knisja u għalek nistgħu ngħidu li minn din id-data hu kellu ir-responsabilta' kollha ta' dan ix-xogħol. Mir-reġistri tal-ħlas ta' dan iż-żmien jidher li kien hemm 15 il-raġel impjegati fil-bini tal-knisja. L-aħħar ħlas lil Xandru Pulis irreġistrat, jidher li sar fl-4 t' Awissu 1715 u f'anqas minn sena wara fl-24 ta' Ġunju 1716 Xandru miet fl-eta' ta 54 sena. X'ġaralu? Marad jew weġġgħa waqt ix-xogħol? Dan ma nafuhx.*

*X'kien ix-xogħol tal-Kapu Mastru? Fl-istorja ta' l-arkitettura Maltija, nsibu li it-titlu ta' Kapu Mastru kellu importanza kważi daqs dak ta' Perit. Kien il-persuna li jħożż fuq il-ġebla dak li l-perit kien iħożż fuq il-karti. Kien il-persuna li jagħmel il-mollijiet u joħroġ l-Ordnijiet ta' l-Arkitettura u l-lavur marbut ma' l-istess ordnijiet. Kien il-persuna li jieħu ħsieb l-isterjotomija tal-bini, jiġifieri it-tfassil u l-qtugħ tal-ġebel biex jifforma l-bini. B'hekk nistgħu ngħidu li Xandru Pulis kien dak li ħa ħsieb biex dak li ħażż Lorenzo Gafa' fid-disinn tiegħu beda jwettqu fir-rejalta'. Gafa' miet fl-1710 sitt snin qabel l-mewt ta' Pulis, b'hekk tul dawn is-snin naħsbu li r-responsabilta' tal-bini tal-knisja waqgħet kollha f'idejn Pulis. Wara mewthom ix-xogħol fuq il-knisja tkompla u sa l-1733 il-knisja bil-koppla kienet tlestiet f'forma ta' salib u kellha kampnar wieħed fuq il-kappellun tar-Rużarju. Jidher li wara dan iż-żmien il-ħsieb tad-disinn oriġinali inbidel għal dak li narawh illum, iżda dwar dan u dwar min kien responsabbli għal dan, nemmen li għad trid issir aktar riċerka. Ninsab ċert li matul is-snin li*



*ġejjin waqt li jkun għaddej ix-xogħol ta' restawr fuq dan il-bini ser inkunu qed niltaqaw ma' informazzjoni u materjal li jixħet dawl fuq dan.*

*U la qed nitkellem dwar ir-restawr niftakru li kieku ma kienx għal antenati tagħna li bl-għaraq ta' ġbinhom u mill-ftit li kellhom ikkontribwixew fiżikament u finanzjarjament illum m'għandiex dan il-ġojjel. Wisq nibża li ulied uliedna mhux ser jgħidu l-istess dwarna. Għalkemm napprezza l-fatt li ħafna minnha mħassbin sew dwar dak li ser jifdlilhom fil-but fix-xhur li ġejjin, b'responsabilta' sħiħa nistqar li ħafna minnha jinsabu f'apatija jew agħar minn hekk qed iħarsu lejn dan il-proġett ta' restawr b'lenti rresponsabbli għall-aħħar. Ġo każini, għaqdiet u fit-triqat taż-Żejtun hawn min qed jipprova joskura jew inissel dubji dwar dan il-proġett. Hawn min qed jaħseb li r-responsabilta' tar-restawr taqa' f'idejn il-kurja jew l-Unjoni Ewropeja. Oħrajn li jippretendu li jifhmu, jridu jiddettaw kif għandu jsir ix-xogħol u qed ixandru qlajjiet foloz dwar dak li hemm pjanat.*

*Jekk hawn min qed jaħseb li l-fondi għal dan il-progett ser jaqaw mis-sema, ninfurmakom li fl-opinjoni tiegħi la l-Unjoni Ewropeja u l-ebda Big Brother il-barra miż-Żejtun mhu ser isostnu dan il-proġett. Huwa aħna ż-Żwieten li rridu nħossu r-responsabilta' li nikkontribwixxu. Sfortunatament ikolli ngħid li din ir-responsabilta' mhix tinħass minn bosta minnha. Dan mhux proġett ta' l-Arċipriet, għaliex bħal ma tafu kull arċipriet jiġi u jitlaq wara li jkun għamel żmienu magħna. Dan huwa proġett tagħna iż-Żwieten, b'rispett lejn iż-Żwieten ta' qabilna u bi dmir lejn iż-Żwieten ta' warajna. Għalhekk qed ngħabbikom bid-dmir sa biex kull fejn tkunu twasslu dan il-messaġ - ċar u mingħajr tgħawwiġ.*




